Nru. 876

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li din iż-żona

TAL-QARES
IL-MOSTA

(ara l-pjanta f'paġna 8266) tista' tkun ta' valur ekoloġiku u xjentifiku ħekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' żoni skedati, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinstab fil-periklu li ġġarrab ħsara jew tinqered.

L-Awtorità qiegħda b'ħekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward taż-żona msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Iż-żona għandha titqies bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell 1, skond il-*policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur ekoloġiku u xjentifiku tagħha.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija żona.

(iii) Kull tibdil jew interventi oħra fuq iż-żona msemmijja, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk iż-żona xi mod iġġarrab ħsara jew tinbidel bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

L-4 ta' Ottubru, 2002

No. 876

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Malta Environment and Planning Authority considers the following site at

TAL-QARES
MOSTA

(as per site plan on page 8266) as being of ecological and scientific importance such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the aforementioned site is in danger of being damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above site in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) The site is considered as a Level 1 Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance as per Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12.


(ii) No development will be permitted on any part of the aforementioned site (as per attached site plan).

(iii) Any intervention on the above site, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the said site is in any way damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

4th October, 2002



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

MEPA

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright MEPA

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E47902, N74730
Max E48365, N75147

Title :-

Emergency Conservation Order Tal-Qares Mosta

Key :-

- Area of Ecological Importance & Site of Scientific Importance
- Buffer Zone

Form No. :- MU004